# Il-Mellieħa

David Muscat

Proża poetika fuq l-istorja tal-Mellieħa mill-ewwel żminijiet sal-miġja ta' San Pawl.

## 1. L-Għeruq ta' Nisilna

L-istorja tal-Mellieħa tinsab maħżuża fil-qigħan naqlija tal-widien ħadrana fejn isemma' leħnu setgħan il-qasab ħaxwiexi u ssaltan, bennejja tal-bejtiet, l-għammiela ħabrieka.

L-istorja ta' dar-raħal tismagħha fl-għerien imniddija fejn jgħammru l-friefet il-lejl mogħmija wara s-seħer tal-qmura sħaħ, blalen ta' bjuda bla tebgħa u fejn jixxettel it-tursin il-bir leqqien, imsoqqi mill-qtajjar fiddiena, li jġelbnu mal-liwi u x-xquq tas-saffi tal-ġebla Maltija.

Ġrajjet niesna, missirijietna tibda minn hawn – mill-art armajn imtektka b'bexxiet melliesa ta' xita manna, mir-ramel dehbien tal-plajja, jikwi b'uġigħ ta' tbatijiet il-ġemgħa, tissara biex tgħix, tgħajjex u tgħammar; mill-ħalel felħana ta' bajjietna miżgħuda bl-alka sewdiena, mergħat saqwija għall-ħut tal-baħar, ħobż għal snienna u daħliet kennija għal ġens wara ieħor, sibbien u ħakkiema li fittxew 'l artna biex jaħkmuna jew jaħbtu għaliha.

U għal dawn il-waqtiet se nistħajjilni l-blat minqux tal-Grotta tal-Madonna. Ħsiebi se jimraħ fl-ewwel żminijiet, ħamest elef sena ilu. Niftakar l-ewwel ċorma titfaċċa fuq ix-xefaq, titbandal qanpiena fuq ċattri magħmula minn zkuk, friegħi u weraq, f'jum ta' difa. Dehru għajjiena, ħosbiena, imma fl-istess ħin ħerqana li ser jibdew ġrajja ġdida. Mill-ħarsa ta' fuq wiċċhom u l-kliem li lissnu, intbaħt li ġew minn Sqallija.

Fi ftit jiem bdew ibiddlu l-ħara Melleħija. Neżżgħu l-imsaġar mis-siġar, wittew l-art maħnuqa bil-ħatab, żergħu l-qamħ u x-xgħir, u bdew ikabbru għelejjel oħra tar-raba'. Magħhom ġabu xi bhejjem bħal mogħoż u nagħaġ u bdew irabbuhom fl-għerien bħal tax-Xemxija u l-Wied tal-Kalkara. Kienu jaħdmu qatigħ, lejl u nhar, sajf u xitwa, b'għodda tal-għuda, l-għadam u l-ġebel bħalma nstabu l-Latnija. Kellhom kwies, bwieqi u ġarar tal-fuħħar, u kienu jiżżejnu b'ġiżirajjen, ċrieket, brazzuletti maħduma mill-elementi tan-natura.

Għadni niftakar l-ewwel darba li lmaħt xebba Melleħija, ġmiel in-nixxiegħa, liebsa ġiżirana magħmula minn bebbux, ċagħak u mħar, tiddandan f'dan l-għar quddiem ċorma tfajliet tamparha. Ma nistax ninsa lil dak il-ġuvni, mibni saffejn, jarmi s-saħħa, imħażżem bi ġlud il-bhejjem u l-qfiel tal-ħuxlief, ikaxkar ħaġra fiha daqsu darbtejn lejn tat-Tomna biex hu wkoll ikun ta sehmu fil-bini tal-maqdes f'ġieħ 'l alla fertili, omm il-ħlejjaq kollha, li għoġobha tagħtih art bil-wisq ħawtiela u baħar kaħlani misbuq b'kull ġid u għana.



Il-baħar min-naħa taċ-Ċagħkija, Għajn Żejtuna

Minn hawn, minn hawn bdiet il-ġrajja ta' dan ir-raħal – mill-għerien bħal tal-Wied tal-Madonna, l-Aħrax, l-Imġiebaħ, Ġnien Ingraw u Għajn Żejtuna fejn għammru l-ewwel fost niesna; mill-għaqbiet bħax-Xagħra ta' Żminka, tat-Tomna u ta' Msid fejn sawru l-eqdem imqades, u minn max-xfar tas-sisien u l-ġnub tal-widien fejn missirijietna difnu l-għeżież tagħhom u ħallew lilna wirt sħiħ biex ngħożżuh u nixtarru fuq x'nistgħu nagħmlu biex inħarsu l-ġejjieni tagħna u ta' wliedna.

## 2. Fid-Dell tal-Imperu

Iż-żmien jgħaddi u 'l ħadd ma jsellem, jgħaddi bla ma jitkellem. Wara ż-żminijiet bikrija ta' Żmien

il-Ħaġar, l-ewwel Melleħin ta' Żmien il-Bronż, daqs tlett elef sena ilu kellhom iħabbtuha ma' nies mill-Italja t'isfel u forsi wkoll minn xi gżejjer lil hinn mill-Greċja.

Dawn kienu popli ġellieda li keddew bis-sħiħ lil tagħna. L-art qallbuha ta' taħt fuq. Ġarrew ħaġar, ġebel u ħamrija tant li ħallew migrufa fil-blat sriebet twal ta' kalati qishom raddi tal-moħriet li ħadd ma jaf bl-eżatt x'kienet id-destinazzjoni tagħhom aħħarija.

Lill-mejtin kienu jaħarquhom minflok jidfnuhom u jiġbru l-irmied tagħhom f'xi qolla jew ġarra. X'aktarx armaw irħajjel imdawra b'sisien għassiesa fix-Xagħra tal-Qargħa, fuq id-Daħar tal-Aħrax u fix-Xagħra tal-Kurunell lejn l-Imġiebaħ.

Wara n-nies ta' Borġ in-Nadur, il-Baħrija u l-Wardija, kif inhuma magħrufa n-nies ta' Żmien il-Bronż, ġew il-Feniċi u l-Puniċi. Ulied ix-xtut tal-Lvant Nofsani kienu baħħara, bejjiegħa u xerrejja. Ġabu lejn xtutna drappijiet mill-ifjen, statwi u statwetti u għadd kbir ta' kull xorta ta' merkanzija. Għallmu lill-Melleħin iħawlu s-siġar taż-żebbuġa u l-ħarruba. Min jaf kemm-il mirkeb tagħhom daħal jistkenn l-Għadira!

Il-Puniċi ma kellhomx itulu wisq. Sabu r-Rumani jiqfulhom u dawn tal-aħħar, fit-Tieni Gwerra Punika ħatfu 'l gżiritna. Lill-Maltin, ir-Rumani sejħulhom barbari, mhux għax kienu bdabad tafux, imma għax kienu jitħaddtu bil-Puniku, ilsien Semitiku, mhux bħalhom bil-Grieg jew il-lingwa Latina.

Lil nieshom kienu jidfnuhom fi dwiemes u oqbra mħaffrin fil-blat bħalma nsibu San Niklaw, l-Imġiebaħ, tar-Rabti, il-Miżieb, l-Aħrax, Selmun u n-Naħlija t'Għajn Tuffieħa. Ir-Rumani kattru s-siġar taż-żebbuġ u bdew jagħsruh għaż-żejt bħal f'San Pawl Milqi u ħada l-Għar u Casa. Ħaffru mġiebaħ ma' xfar il-widien bħall-Imġiebaħ u l-Wied tal-Kalkara biex jiġbru l-għasel tan-naħal. It-tjieba tal-għasel tas-sagħtar saħħrithom. Forsi wkoll sejħu lil dawn l-inħawi *meleha* minn *melea*, kelma Griega b'togħma għaslija, li kien hawn min sostna li l-Mellieħa taf isimha minnha.

Madwar il-Mellieħa, bħal fi mkejjen rurali oħra, is-sinjuri Rumani bnew xi vilel żgħar tal-kampanja, bi knaten rettangulari mdaqqsa u b'art iċċangata. Fl-oqsma tagħhom ħaddmu lil niesna. Għallmuhom iħaffru l-bjar u l-ispejjer fil-blat u jsawru ċ-ċisterni u l-ġwiebi bħal fil-Wied tal-Imġiebaħ u l-Wied tal-Kalkara.

Ir-Rumani stmaw lill-Melleħin u l-Maltin kollha sew, daqslikieku kienu ċittadini tal-Imperu glorjuż. Iġfna maħnuqa b'tagħbijiet u nies kienu jżuruna ta' spiss. Mhux l-ewwel darba li trakka xi ġifen mas-sikka ta' nofs il-Bajja tal-Mellieħa. Ngħidu aħna, fi żmien l-Imperatur Septmu Saverju, madwar is-sena 200 WK, inkalja ġifen mimli affarijiet bħal platti, skutelli, bwieqi u ġarar proprju f'qiegħ is-sikka ewlenija tal-Għadira.

Imbagħad missitu l-istess xorti, li jżurna bla ħsieb, San Pawl. Kif iġibu ismu l-Gżejjer, li lil hinn minnhom jingħad li l-ġifen li fuqu kien qiegħed trakka u ġġarraf; Pawlu ta' Tarsu kellu jidħol għall-irdoss tal-ħġejjeġ fir-Ramla tal-Pwales, jekk mhux ukoll il-Mistra.

Missierna San Pawl seta' żar ukoll xi għar fil-Mellieħa, ngħidu aħna, l-Għar tal-Madonna. Min jaf? Il-leġġenda tgħid li kien San Luqa, sieħeb ir-Rażul fil-vjaġġ lejn Ruma, li pitter ix-xbieha mirakoluża tal-Madonna tal-Mellieħa. L-affresk biss jaf il-verità u s'issa żammha mistura.

Ġara x'ġara, il-Melleħin Puniċi kienu fost l-ewwel Maltin li għexu l-miġja tal-Appostlu. Dawn l-għerien kienu fost l-ewwel imkejjen li semgħu l-bxara t-tajba u laqgħu b'ħeġġa u ħrara l-fidi Nisranija.

Waqt li l-Imperu Ruman kien qed jixxaqqaq, jiġġarraf u jitherra, il-ġemgħa Melleħija kienet qed titkebbes fi twemminha. Ix-xrara li qabbad Pawlu mill-ħuġġieġa fuq ir-ramla kibret fi lsien tan-nar. Fi ftit żmien il-fjamma kienet se titħeġġeġ f'nirien ta' mħabba u emmna.

*Il-proża poetika fuq l-istorja tal-Mellieħa tissokta f'ħarġa oħra.*



Għanqud ħarrub f'siġra tal-ħarrub, Selmun



Il-Gżejjer ta' San Pawl